MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1995

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.

ACT No. XII of 1995

AN **ACT** enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, Cap. 291.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

23 ta' Mejju, 1995

ATT Nru. XII ta' l-1995

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, fit-tifsira ta' "Qorti tal-Maġistrati", minflok il-kliem "il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;" għandhom jidħlu l-kliem "il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;". Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali

3. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-kliem "mogħtija lilhom b'dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "jew taħt l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali"; u minflok il-kelma "jiġifieri" għandhom jidħlu l-kliem "inkluż il-funzjonijiet u s-setgħat";

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "skond l-artikolu 5 ta' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "jew mill-Kunsilli Lokali taħt l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali"; u

(ċ) fil-paragrafu (d) tiegħu minflok il-kliem "li jordnaw il-ħlas ta' dik il-penali li jistgħu jimponu" għandhom jidħlu l-kliem "li jimponu dik il-penali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li soltu r-reġistru tal-Qrati Superjuri jkun magħluq." għandhom jidħlu l-kliem "li soltu r-reġistri tal-qrati jkunu magħluqin.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "Fit-taħrika għandha titniżżel ukoll twissija li, fin-nuqqas li tidher, il-persuna hekk imħarrka tiġi arrestata b'mandat ta' Kummissarju u miġjuba f'dak il-jum li jissemma' fil-mandat, u tista' teħel penali ta' mhux inqas minn lira u mhux iżjed minn ħames liri." għandhom jidħlu l-kliem "Fit-taħrika għandha titniżżel ukoll twissija li fin-nuqqas li tidher il-persuna hekk imħarrka hija għandha titqies li tkun ammettiet l-akkuża."; u

(b) minnufih fi tmiem is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej: "F'dak il-każ dik il-persuna ma tkunx teħtieġ li tidher quddiem il-Kummissarju u ma għandhiex titqies li tkun ammettiet l-akkuża.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "minn uffiċjali ta' l-uffiċċju tal-posta," għandhom jidħlu l-kliem "bil-mezz ta' ittra reġistrata minn uffiċjali ta' l-uffiċċju tal-posta."; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej:

"(3) Meta n-notifika ssir bil-posta l-persuna mħarrka titqies li tkun notifikata kif imiss bit-taħrika jekk il-prosekutur iġib prova li t-taħrika tkun intbagħtet b'ittra reġistrata indirizzata fl-indirizz l-aħħar magħruf tal-persuna akkużata u jekk jirriżulta, mir-riferta li tkun ġiet riċevuta mogħtija mill-awtoritajiet postali (li għandha tiġi esibita, flimkien ma' l-oriġinal tat-taħrika, quddiem il-Kummissarju) li l-imsemmija ittra reġistrata tkun ġiet konsenjata f'dak l-indirizz; u d-data tan-notifika għandha titqies li hi d-data tal-konsenja ta' l-ittra reġistrata.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

7. Minflok l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Nuqqas ta' persuna li tidher meta tkun imħarrka. Kap. 9.

7. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, jekk xi persuna li tiġi notifikata kif imiss b'taħrika tonqos li tidher quddiem il-Kummissarju, hija għandha titqies bħala li tkun ammettiet l-akkuża, u, minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-Kummissarju għandu ma' dan jgħaddi biex jordna li jsir il-ħlas tal-piena u jagħti dawk l-ordnijiet oħra, skond il-każ, kif

provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att fin-nuqqas tal-persuna akkużata.".

8. Fl-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "għall-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "għal dik il-qorti". Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

9. Fl-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali il-kliem "tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

10. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "preskritta bil-liġi għar-reat." għandhom jidħlu l-kliem "preskritta bil-liġi għar-reat u meta dik il-liġi tipprovdi għas-sekwestru ta' xi oġġett użat fl-għemil tar-reat, jew għar-revoka jew għas-sospensjoni ta' xi liċenza l-Kummissarju għandu jordna dak is-sekwestru jew dik ir-revoka jew sospensjoni flimkien mal-penali:" u minnufih wara għandhom jidħlu dawn il-provisos li ġejjin:

"Iżda l-Kummissarju jista' jekk jikkunsidra li d-difiża ta' persuna tkun frivola jew vessatorja, jordna lil dik il-persuna tħallas b'żieda mal-penali dik il-penali oħra li ma tkunx iktar mill-massimu ta' l-istess multa jew ammenda lilu mogħtija, jew ħamsin lira liema tkun l-anqas:

Iżda wkoll meta ma tiġi indikata ebda multa jew ammenda minima, jew meta multa jew ammenda minima jew massima tiġi stabbilita bil-liġi bħala anqas minn ħames liri, dik il-piena minima jew massima għall-finijiet ta' dan l-Att għandha tkun ta' għaxar liri."; u a

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu (4) li ġej:

"(4) Meta minħabba l-għemil tar-reat, xi awtorità pubblika, inkluż Kunsill Lokali, tkun għamlet spejjeż biex tirrimedja l-konsegwenzi ta' l-imsemmi reat, il-Kummissarju jista' wkoll jordna l-ħlas lil dik l-awtorità ta' somma li ma tkunx iktar minn Lm1,000 li tkun ipprovata għas-sodisfazzjon tiegħu li tkun intefqet minn dik l-awtorità biex tirrimedja dawk il-konsegwenzi. Dak l-ammont ikun bla ħsara għal kull azzjoni oħra quddiem xi qorti biex tinġabar lura kull spiża li tkun iżjed mis-somma ordnata mill-Kummissarju, u dak l-ammont ikun jista' jinġabar minn dik l-awtorità bħala dejn ċivili, likwidat u ċert.".

11. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Qorti tal-Maġistrati"; u Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej:

"(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) u (6) ta' l-artikolu 10 għandhom jgħoddu għal kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tikkonferma jew tvarja deċiżjoni tal-Kummissarju, inkluż kull ordni magħmula taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

12. Minflok l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

13. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti:

(a) li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedura li għandha titħares mill-Kummissarji;

(b) li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att billi jżidu magħha jew inaqqsulha reati; iżda ma jista' jiżdied ebda reat ma' l-Iskeda permezz ta' regolamenti li jinħarġu bis-saħħa ta' dan l-artikolu jekk il-piena għal dak ir-reat tkun iktar mill-pieni stabbiliti għall-kontravenzjonijiet; u

(ċ) b'mod ġeneriku dwar kull ħaġa li tista' tiġi minnu stabbilita, ordnata, diretta jew preskritta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull ħaġa oħra li tista' tkun spedjenti sabiex jingħata effett aħjar lil dan l-Att.

Kap. 249.

(2) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, kull emenda għall-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att magħmula b'regolamenti bis-saħħa tas-subartikolu ta' qabel dan ta' dan l-artikolu ma għandhomx jibdew isehħu ħlief wara li jgħaddu tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawk ir-regolamenti fil-Gazzetta.".

Żieda ta' artikolu ġdid 14 ma' l-Att prinċipali.

13. Minnufih wara l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Proċedura speċjali f'ċerti liġijiet.

14. (1) Minkejja kull liġi oħra li tipprovdi għall-proċediment u l-piena għal reati, meta xi persuna tagħmel reat li taħt din il-liġi jew taħt xi liġi oħra jkun ġie diklarat bħala reat fl-iskeda, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin taħt dan l-artikolu.

(2) Kull uffiċjal tal-Pulizija u kull uffiċjal, awtorità jew persuna li skond xi liġi kif issemma' qabel ikunu responsabbli li jinfurzaw dik il-liġi, li fil-fehma tagħhom ikun sar xi reat bħal dak jistgħu jagħtu lil min jagħmel ir-reat avviż li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat.

(3) Meta jkun ingħata xi avviż kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-persuna msemmija f'dak l-avviż tista' tħallas fil-post imsemmi f'dak l-avviż fiż-żmien muri fl-avviż, li f'ebda każ ma għandu jkun inqas minn sebat ijiem, penali dwar kull reat imsemmi f'kull avviż bħal dak, kemm-il darba li dik il-penali ma tkunx iżjed mill-minimu stabbilit fil-liġi għal dak ir-reat.

(4) Meta l-penali imposta taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma titħallasx fiż-żmien fuq imsemmi, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti ordinarji dwar ir-reat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra.

(5) Il-ħlas ta' kull penali bħal dik għandu, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jitqies bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat.".

14. L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda għall-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) fil-partita 1 tagħha, minflok in-numri "3, 12." għandu jidħol in-numru "3.";

(b) minflok il-partita 2 tagħha għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"2. *Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur*

Regolament 17; 18, 21, 24, 25, 28 sa 38, 41 sa 44, 47, 55, 59 sa 61, 65, 67 sa 89, 91 sa 103, 105 sa 112, 114, 115, 117, 118, 123, 125, 126, 128, 129, 131, 139, 149 sa 151, 158, 170, 195, 197, 228.";

(ċ) fil-partita 3, minflok il-kliem Artikolu 202." għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"Artikolu 38(1) (a) (b) (c) (d) (i) (j) (k), 40(b), 49, 51 sa 60, 73, 77, 82, 86, 87, 89."; u

(d) minnufih wara l-partita 7 tagħha għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:

"8. Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) Artikolu 8(1).".

15. Minnufih wara l-artikolu 18 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

"Il-liċenza tal-vettura ma tiġġeddidx kemm-il darba ma titħallasx il-multa, ammenda jew piena.

Kap. 291.

18A. Meta tingħata multa jew ammenda minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, jew meta Kummissarju għall-Ġustizzja jkun għamel ordni għall-ħlas ta' penali bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jkollha x'taqsam ma' reat li jikser id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jsir bl-użu ta' xi vettura bil-mutur, u dik il-multa, ammenda jew piena, skond il-każ, ma tkunx tħallset, il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, skond il-każ, għandhom jieqfu milli jġeddu l-liċenza ta' dik il-vettura bil-mutur meta din tiskadi sa dak iż-żmien meta jsir il-ħlas tal-multa, ammenda jew penali.".

Emenda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali.
Att Nru. XV ta' l-1993.

16. L-artikolu 34 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala subartikolu (1); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' taħt l-artikolu 72 ta' dan l-Att jagħmel regolamenti għal applikazzjoni ġenerali għall-istess għanijiet li Kunsill jista' jagħmel *bye-laws* taħt dan l-Att u dawk ir-regolamenti għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra, jitqiesu li huma *bye-laws* li jkunu saru mill-Kunsilli kollha:

Iżda kull regolamenti bħal dawk jistgħu jagħmlu biss dispożizzjonijiet ġenerali u jkunu bla ħsara għall-għemil ta' *bye-laws* oħra minn xi Kunsill għall-istess għan li jagħmlu dispożizzjonijiet speċjali għal-lokalità tiegħu.".

Dispożizzjoni transitorja.

17. Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-Att prinċipali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandu jkollhom ġurisdizzjoni esklużiva li jipproċessaw dawk ir-reati li jsiru reati mniżżla fl-Iskeda bis-saħħa ta' dan l-Att, u li jkunu twettqu qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 420 tal-15 ta' Mejju, 1995.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati